**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta’ Mejju 2021

Rikors Numru: 23/15 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ippremetta:

1. *Illi r-rikorrenti zzewweġ lil C B fit-30 ta’ Marzu 1998 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieġ (hawn market u anness bħala Dok JC 1);*

[1] Fol. 1 – 13.

2. *Illi miz-zwieġ tagħhom huma kellhom tifel wieħed li jismu E u li twieled fid-disa' (9) ta' Lulju 1999;*
3. *Illi fil-25 ta' Novembru 2005, huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali b'kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool (qiegħed jiġi hawn esebit bħaa Dok JC 2);*

4. *Illi l-kura u kustodja tat-tifel hija fdata f'idejn il-mara unikament, u l-missier għandu aċċess regolat, u dank if jirrizulta aħjar mill-kuntratt ta' separazzjoni personali;*

5. *Illi skont l-istess kuntratt, ir-rikorrenti għandu l-obbligu li jivversa lill-mara għal minuri E is-somma ta' mija u tmienja u disgħin Euro (€198.00) manteniment kull erba' ġimgħat liema manteniment dejjem zdied skond l-għoli tal-ħajja, u kwalunkwe benefiċċju soċjali rigwardanti l-minuri jiġi perċepit mill-mara;*

6. *Illi mit-30 ta' Ġunju 2014 sallum, it-tifel E qiegħed jgħix ma' missieru, u ma jridx jibqa' jgħix ma' ommu C B, mhux kappriċċjozament izda għal raġunijiet fejn fost oħrajn C B qiegħda tgħix id-dar flimkien ma' terza persuna liema terza persuna, t-tifel ma jmurx tajjeb miegħu;*

7. *Illi fit-30 ta' Lulju 2014 l-attur intavola proċeduri ta' medjazzjoni bin-numru 1061/44 liema medjazzjoni ingħalqet fl-4 ta' Diċembru 2014, għaliex ma ntlaħaqx ftehim;*

8. *Illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi b'din il-proċedura kontra C D in forza tad-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li jġib id-data tad-9 ta' Diċembru 2014. Digriet numru 2805/14 (hawn anness u mmarkat Dok JC 3);*

*Tgħid il-konvenuta prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna l-għala din il-Qorti ma għandhiex –*

1. *Tordna illi jiġi appuntat Avukat tat-Tfal sabiex jieħu ħsieb l-aqwa interessi tattifel minuri E B, u dan taħt dawk il-poteri u obbligazzjonijiet soliti, sabiex l-Avukat tat-Tfal tkun tista' tagħmel l-*

*inkarigu tagħha u tagħti l-aħjar direzzjonijiet lil Qorti fl-interess tat-tifel minuri;*

2. *Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta bejn il-partijiet;*

3. *Tordna illi l-aċċess li l-omm ikollha għat-tifel E jiġi regolat b'mod li jkun xieraq kemm għall-omm kif ukoll għat-tifel E;*

4. *Tordna illi l-manteniment li tipperċepixxi l-omm għall-iben tagħhom E skond klawsola numru disa' (9) tal-kuntratt ta' separazzjoni jiġi sospiz indefinittivament sakemm it-tifel jibqa' jgħix ma' missieru, u fejn għalhekk tkun l-omm li tissoministra mateniment mit-30 ta' Ġunju 2014 (u/jew dik id-data verjuri li tistabbilixxi l-Qorti l-quddiem), lill-missier għall-binhom E B, sakemm it-tifel jibqa' jgħix ma' missieru;*

5. *Tordna illi l-benefiċċji soċjali kollha li rċeviet u għadha tirċievi l-konvenuta skond klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn fuq riferit, mit-30 ta' Ġunju 2014 il-quddiem jippperċepixxu lill-missier u tordna wkoll li l-klawsola numru tmienja (8) fil-kuntratt ta' separazzjoni Dok JC 2, tiġi emendata fis-sens li jkun il-missier li għandu jipperċepixxi u jirċievi l-benefiċċji soċjali għall-iben u mhux l-omm billi t-tifel E B qiegħed jgħix ma' missieru mit-30 ta' Ġunju 2-14 sallum;*

6. *Tawtorizza l-emendi neċessarji fil-klawsoli bin-numru ħamsa (5), disgħa (9) u tmienja (8) tal-kuntratt ta' separazzjoni b'dan illi jirriflettu t-talbiet hawn fuq mitluba;*

7. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni u neċessarji li l-Qorti tħoss li huma idoneji u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjez u bl-inġunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' C B,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi t-tieni u t-tielet talba, kif proposti huma nsostenibbli stante illi fejn si tratta ta varjazzjoni ta' ftehim bejn ġenituri dwar kura u kustodja tat-tifel dak miftiehem irid l-ewwel jiġi annullat mill-Qorti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad illi l-arranġament dwar il-minuri fis-seħħ hu tajjeb u beda jiddeterjora biss hekk kif il-missier ta l-impressjoni lill-minuri illi miegħu seta' jagħmel li jrid għaliex ma hemm ħadd illi jikkontrolla dak illi ikun qed jiġri peress illi l-minuri jgħaddi il-ġurnata sħiħa waħdu mal-missier;*

3. *Illi jekk kemm-il darba t-talba attriċi tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti din iservi biss sabiex tbiegħed lil minuri minn ma' ommu;*

4. *Illi kwantu t-talba għall-ħlas ta' manteniment, ġie maqbul bejn il-partijiet illi t-termini u kundizzjonijiet ta' dak l-att ta' separazzjoni – l-ebda kundizzjoni ma tista' tiġi varjata f'kull eventwalita', ukoll jekk iz-zwieġ tal-partijiet jiġi iddikjarat null jew xolt permezz ta' digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti, ukoll jekk il-komparenti jiddivorzjaw legalment minn xulxin u dan sew għar-raġunijiet ġia ezistenti kif ukoll għal xi raġuni supravenjenti u dan ai termini tal-klawsola numru 24 ta' dak l-att.*

5. *Illi in ogni caso tipprevali d-duttrina pacta sunt servanda kif artikolata fil-ġiurisprudenza u għaldaqstant ma għandha ssir ebda bidla lil dak patwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif premess bil-liġi.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat il-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet datat 25 ta' Novembru 2005;[3]

---

[2] Fol. 20 – 21.
[3] Fol. 6 – 12.

Rat il-verbali kollha, kif ukoll l-affidavits ipprezentati, ix-xhieda imresqa, id-dokumenti ezebiti minnhom, ir-rapport tal-Perit Godwin Abela, l-kontro-ezamijiet, liema ġew kollha mizmuma quddiem l-Perit Legali Dr Abigail Critien;

Rat ukoll l-affidavit ta' E B datat 15 ta' Ġunju 2015,[4] liema affidavit ġie pprezentat taħt ġurament meta l-istess E B kellu sittax-il (16) sena. Fid-dawl tal-fatt li meta ġie pprezentat l-affidavit ta' E B, dan tal-aħħar kien għadu minorenni, il-Qorti ma tistgħax tieħu konjizzjoni ta' dan l-affidavit u b'hekk l-imsemmi affidavit qiegħed jiġi skartat;

Rat ir-Rapport redatt mill-Perit Legali Dr Abigail Critien pprezentat nhar is-27 ta' Frar 2020 u maħluf nhar il-11 ta' Novembru 2020;[5]

Rat in-nota tal-konvenuta tas-17 ta' Novembru 2020 rigward ir-rapport tal-Perit Legali, u r-risposta tal-imsemmija Perit Legali pprezentata permezz ta' nota datata nhar it-18 ta' Novembru 2020;[6]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

*(i)* *L-Azzjoni Odjerna:*

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet izzewġu nhar it-30 ta' Marzu 1998, minn liema zwieġ twieled E B nhar id-9 ta' Lulju 1999. Minħabba raġunijiet saputi liz-zewġ partijiet, il-partijiet ma setgħux jibqgħu jgħixu flimkien

[4] Fol. 334 – 335, 355 – 356.
[5] Fol. 414 – 435.
[6] Fol. 437 – 439.

bħala familja u b'hekk għaddew sabiex issepparaw bonarjament permezz ta' kuntratt, liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool, datat 25 ta' Novembru 2005. Dan il-kuntratt jirregola mhux biss is-separazzjoni legali ta' bejn il-partijiet, izda jirregola ukoll l-effetti naxxenti minn tali zwieġ, inkluz: (i) ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, (ii) il-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' binhom E, u (iii) disposizzjonijiet oħra.

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B nhar l-4 ta' Frar 2015, tingħata retroxena ta' dak li seħħ permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' ibnu E – ċjoe' l-kura u kustodja ta' E ġiet fdata f'idejn C D, filwaqt li hu kellu aċċess regolat, u fid-dawl tal-fatt li l-iben kien qiegħed jirrisjedi mal-omm, l-attur kellu l-obbligu li jivversa lil konvenuta s-somma ta' €198 bħala manteniment għal binhom kull erba' (4) ġimgħat. Madanakollu fir-rikors ġuramentat jiġi rilevat illi mit-30 ta' Ġunju 2014, iben il-partijiet beda jgħix mal-missier hekk kif jiġi allegat illi E B ma riedx ikompli jgħix mal-omm għaliex ma kienx imur tajjeb mar-raġel ta' ommu. Għaldaqstant permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex il-kuntratt tas-separazzjoni jiġi varjat fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' binhom. Barra minn hekk, l-attur jitlob ukoll illi l-konvenuta tagħmel tajjeb għal dak il-manteniment u l-benefiċċji soċjali f'isem binhom sa mit-30 ta' Ġunju 2014 'il quddiem, u ċjoe' sakemm l-iben jibqa' jgħix mal-attur.

Min-naħa l-oħra, l-konvenuta tirrispondi billi toġġezzjona għat-talbiet tal-attur. Jiġi eċċepit illi l-arranġamenti rigward il-minuri kienu tajbin, izda is-sitwazzjoni bdiet tmur għall-agħar hekk kif jiġi allegat li l-missier beda jagħti l-impressjoni lil binhom illi seta' jagħmel li jrid. Il-konvenuta tirribatti illi fi kwalunkwe kaz, fil-kaz odjern tipprevali d-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda* u barra minn hekk teċepixxi ukoll illi abbazi tal-klawsola numru erbgħa u għoxrin (24) tal-kuntratt ebda kundizzjoni stipulata fil-kuntratt ma tista' tiġi varjata u dan fi kwalsiasi eventwalita'.

*(ii)* <u>*Il-Verzjoni tal-Attur:*</u>

Fl-affidavit tiegħu,[7] l-attur jirrileva illi kien kostrett li jintavola din il-kawza għaliex *"c-cirkostanzi nbidlu u nbidlu sew minn meta ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Vanessa Pool tal-25 ta' Novembru 2005 għallum, u dana peress li t-tifel E ma jridx aktar jghix ghand ommu"*.[8] L-attur jikkontendi illi nhar it-30 ta' Ġunju 2014 huwa rċieva telefonata minn għand ibnu fejn qallu li ommu qabditu jċempel lil missieru sabiex isaqsih fejn ser twasslu ommu, u l-attur dlonk wieġeb lil ibnu sabiex jgħid lil ommu tieħdu l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u jċemplulu minn hemm stess. Fil-fatt ftit wara l-attur jgħid li rċieva telefonata mill-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun fejn infurmawh sabiex jiġbor lit-tifel għaliex ommu qaltilhom li mhux ser izzommu izjed u tant kemm l-konvenuta kienet preparata li binhom ma kienx ser jibqa' jgħix magħha li ppreparat borza kbira bil-ħwejjeġ ta' E. Minn dakinhar jingħad li E B, iben il-partijiet beda u baqa' jgħix mal-attur. L-attur ikompli jispjega li madwar xahar wara, huwa beda proċeduri ta' medjazjoni sabiex is-sitwazzjoni tiġi regolata, izda l-partijiet ma waslux għal ftehim bonarju allegatament minħabba li l-attur talab lil konvenuta manteniment għat-tifel.

Jingħad illi t-tifel spiċċa sabiex ma baqgħax jgħix ma' ommu minħabba d-disgwid kontinwu bejnu u l-*partner* tal-konvenuta, F G. Jiġi spjegat fl-affidavit tal-attur illi *"it-tifel beda jhossu zejjed fil-presenza tal-partner ta' C, fejn dan bosta drabi kien jheddidha u jghidilha hawnhekk jew E jew il-partner F G. It-tifel kien ilu xhur jissaporti, izda fl-argument li nqala bejn F G u E fit-30 ta' Ġunju 2014, E ma felahx iktar u cempel lili jibki u jolfoq jkarrabni sabiex jiġi joqghod mieghi"*. Għaldaqstant iċ-ċirkostanzi nbidlu radikalment għaliex E beda jgħix ma' missieru u bilkemm jara lil ommu, u dan minkejja li l-attur jallega li huwa jinkoraġġixxi lil ibnu sabiex jagħmel kuntatt ma' ommu.

Tenut kont tas-sitwazzjoni odjerna, l-attur jikkontendi li huwa jagħmel dak kollu li jista' sabiex jieħu ħsieb lil ibnu, jgħallmu, jiddixxiplinah u jħallaslu għall-edukazzjoni tiegħu u jixtrilu dak kollu li jkollu bzonn. Mill-1 ta' Lulju 2014, l-attur jgħid li waqaf jgħaddi manteniment għall-ibnu lil konvenuta u dan ġialadarba binhom beda jgħix miegħu. Min-

[7] Fol. 332 – 333, 357 – 358.
[8] Fol. 332.

naħa l-oħra, l-konvenuta ma kkontribwixxiet xejn għall-kontinwazzjoni tat-trobbija ta' binha, izda addirittura jingħad li baqgħat tipperċepixxi l-benefiċċji soċjali ta' binha wara li dan ma baqax jgħix magħha. Għaldaqstant l-attur jirrileva li għalkemm fil-limitazzjonijiet finanzjarji tiegħu huwa jagħmel li jista' għal ibnu, huwa għandu bzonn l-għajnuna finanzjarja tal-konvenuta. Fil-fatt jikkontendi illi huwa ma għandu ebda assi tiegħu, għajr għal vettura u l-introjtu tiegħu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Min-naħa l-oħra jallega li l-kovenuta għandha zewġ proprjetajiet mikrija u b'hekk ċertament għandha minn fejn tikkontribwixxi finanzjarjament għal binha.

In kontro-ezami,[9] l-attur ikompli jispjega dwar l-impjieg u l-introjtu tiegħu, u kif ukoll dwar ix-xogħol u l-introjtu ta' martu Vanessa B. Barra minn hekk jispjega ukoll dwar l-edukazzjoni u l-ħruġ ta' E.

Sabiex jikkorrabora l-verzjoni tiegħu, l-attur jipprezenta: (i) dokument li jistabbilixxi l-bejgħ tal-karozza li kellu tal-1999 versu l-prezz ta' €600,[10] (ii) *sanction letter* maħruġa mill-Bank of Valletta plc nhar il-24 ta' Ġunju 2015 li tistabbilixxi li l-attur u martu Vanessa B aċċettaw li jissellfu s-somma ta' €15,500 sabiex tinxtara karozza ġdid u li jħallsu pagamenti mensili ta' €219.50,[11] u (iii) FS3 għas-sena li tispiċċa f'Diċembru 2013 li tistabbilixxi li l-attur għandu introjtu gross annwali ta' €20,589,08.[12] Magħdud ma' dan, l-attur talab ukoll sabiex jinħatar perit sabiex jagħti valutazzjoni lokatizzju lil proprjeta' li qiegħda tinkera mill-konvenuta. Fil-fatt ir-rapport tal-Perit Arkitett Godwin Abela, jagħti valutazzjoni tal-fond *"X, X, Triq X, Birżebbuġia"*, b'valur lokatizzju ta' €2000 fis-sena, u ċjoe' €166.66 fix-xahar, u valutazzjoni tal-fond *"X, X, Triq il-X, San Pawl il-Baħar"*, b'valur lokatizzju ta' €1600 fis-sena, u ċjoe' €133.33 fix-xahar.[13]

*(iii)* *Il-Verzjoni tal-Konvenuta:*

[9] Fol. 359 – 360.
[10] Fol. 336.
[11] Fol. 337 – 343.
[12] Fol. 354.
[13] Fol. 396 – 401.

Fix-xhieda tal-konvenuta,[14] din tal-aħħar tagħti spjegazzjoni ta' dak li ġara nhar it-30 ta' Ġunju 2014, proprju għeluq snin il-konvenuta stess. Jingħad illi fid-29 ta' Ġunju 2014 E ħareġ ma sħabu, fejn kien ser jorqod għand ħabib tiegħu u l-għada, ċjoe' fit-30 ta' Ġunju, il-konvenuta kellha tmur għal binha għand il-ħabib tiegħu ħalli jqattgħu ġurnata flimkien. Minkejja tali ftehim, il-konvenuta tgħid illi għalkemm bdiet iċċempel lil binha nhar it-30 ta' Ġunju huwa baqa' ma rrispondhiex fuq iċ-ċellulari tiegħu, sakemm fl-aħħar u għal madwar nofsinhar huwa wieġeb u informa lil konvenuta li kien jinsab il-Belt u li ma riedx imur ma' ommu. Minkejja l-oġġezzjoni ta' iben il-partijiet li tmur għalih ommu, din xorta marret għalih u baqgħu sejrin Baħar iċ-Ċagħaq fejn hi kienet *camping* mar-raġel tagħha u uliedha l-oħra. Jingħad illi wara li waslu nqala' argument fuq l-ikel, fejn E allegatament beda joffendi lil ommu u lir-raġel tagħha F, u beda jgħid li ried imur ma' missieru. Fil-fatt il-konvenuta tikkonferma li ħadet lil binha l-Għassa tal-Ħamrun, ċemplet lill-attur sabiex jiġi għalih, u konsegwentament binha qatt ma reġa' mar lura jgħix magħha. Il-konvenuta tkompli tgħid illi r-relazzjoni ta' bejn binha u l-attur kienet tajba għaliex dan tal-aħħar kien iħalli lil E jagħmel li jrid, filwaqt li hi kienet dik li zzomm iktar dixxiplina. Tkompli tallega ukoll illi wara li binha mar jgħix ma' missieru, kienet irċeviet telefonata minn għand omm ħabib ta' E, fejn infurmatha li binha kien qiegħed jiġi *bullied* minn E stess fuq il-pjattaforma soċjali *ask.fm*.

Konsegwentament u fix-xhieda tagħha in subizzjoni,[15] il-konvenuta tkompli tispjega illi *"E iddeċieda li jitlaq mid-dar fil-birthday tiegħi u ċioe' 30 ta' Ġunju"*. Wara li binha ma baqgħax jgħix magħha, tikkonferma li l-benefiċċji soċjali li għalihom huwa intitolat E daħlu fil-kont bankarju tagħha tal-HSBC Bank Malta plc, liema flus ma messiethomx u dan fuq parir tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Magħdud ma' dan il-konvenuta titfa' dawl fuq ir-relazzjoni tagħha ma binha u tgħid illi *"E ma jkellimnix ħlief meta jkollu bzonn u għalhekk minn mindu telaq mid-dar qatt ma raqad għandi. Jien inċempillu kuljum. Ma nkun naf xejn dwaru ħlief minn xi messaġġ li nirċievi mill-iskola meta ma jmurx jew meta jkun ma jiflaħx"*. Barra minn hekk u

[14] Fol. 36 -37.
[15] Fol. 345.

fir-rigward tal-assi tagħha, il-konvenuta fix-xhieda tagħha tispjega li għandha proprjeta' tagħha u ċjoe' *"X, Flat X, Triq il-X, San Pawl il-Baħar"*, filwaqt li flimkien ma' zewġha F G għandha proprjeta' oħra u ċjoe' *"X, X, X, Triq X,, Birzebbugia"*, fuq liema proprjeta' għad hemm dejn ta' ċirka €55,535.17.[16] Jiġi spjegat li dawn il-proprjetajiet jiġu mikrija, filwaqt li hi tirrisjedi flimkien ma' zewġha fi proprjeta' parafernali tiegħu ġewwa l-Marsa. Fl-aħħar nett tikkonferma li minn meta E ma baqgħax jgħix magħha, l-attur waqaf jgħaddilha manteniment u li hi qatt ma ħallset manteniment lill-attur għal binha għaliex ma għandhiex minn fejn tenut kont tal-fatt li hi ma taħdimx u F jaħdem bħala *security* u jdaħħal introjtu nett mensili ta' madwar €1,000 kull erba' (4) ġimgħat.

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha l-konvenuta tipprezenta: (i) *consolidated customer position sheet* mill-HSBC Bank Malta plc li juru li għandha dejn fl-ammont globali ta' €65,034.31,[17] (ii) xhieda tar-rapprezentanti ta' numru ta' Banek lokali sabiex jixhdu u jezebixxu dkumenti rigward il-kontijiet banakrji tal-partijiet,[18] (iii) xhieda tar-rapprezentant tal-Jobsplus sabiex jixhed dwar l-istorja tal-impjiegi tal-partijiet,[19] (iv) dokument datat 21 ta' Diċembru 2015 li juri l-attendenza ta' E B ġewwa *Giovanni Curmi Higher Secondary School* għall-perjodu bejn it-12 ta' Ottubru 2015 u l-15 ta' Diċembru 2015 li kienet iktar minn 70%;[20] (v) dokument maħruġ mill-ETC datat 24 ta' Ottubru 2015 li juri li E B ġie ingaġġjat f'impjieg fuq bazi *part-time* ma' Premier Restaurants Malta Limited,[21] (vi) estratt mill-pjattaforma soċjali *ask.fm* ta' E B,[22] (vii) kuntratt lokatizju bejn l-konvenuta bħala s-sid tal-fond *"X, X, Flat X, Triq X, Birzebbuġa*, b'kirja ta' €250 fix-xahar,[23] u (viii) kuntratt lokatizju bejn il-konvenuta bħala s-sid tal-fond *"X, Flat X, Triq X, Buġibba"*, b'kirja ta' €210 fix-xahar.[24]

---

[16] Fol. 42.
[17] *Ibid.*
[18] Rigward: (i) HSBC Bank Malta plc, ara fol. 43, 48 – 199, (ii) Bank of Valletta plc, ara fol. 44, 200 – 266, (iii) APS Bank, ara fol. 44, (iv) Banif Bank, ara fol. 44, (v) Lombard Bank, ara fol. 45.
[19] Fol. 45, izda d-dokumenti prezentati minnu ma ġewx inseriti fil-proċess.
[20] Fol. 269.
[21] Fol. 270.
[22] Fol. 271 – 315.
[23] Fol. 316 – 320.
[24] Fol. 321 – 325.

*(iv)* <u>*Prinċipji Legali Saljenti għal Kaz Odjern:*</u>

Qabel mal-Qorti tgħaddi għal-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal kaz odjern.

Fir-rigward ta' <u>*kura u kustodja*</u>, minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet **M. B vs Onor J. Raynaud** fejn ġie dikjarat li *"Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal".*[25] Magħdud ma' dan, u b'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon** u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**, ġie ritenut li *"r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal"*,[26] liema prinċipju għadu jiġi applikat mill-Qrati nostranza, bħal per ezempju fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan B**[27] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks.**[28] F'dan l-istadju huwa wkoll ta' importanza li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*[29]

Fir-rigward ta' <u>*manteniment*</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, li jistipulaw rispettivament:

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.
[26] Deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
[27] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[28] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).
[29] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*

*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħtl-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwarOpportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta'ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jewmatul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skontid-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149"*;

*"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B".*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' mizzewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment

adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tal-duttrina legali *pacta sunt servanda*, jingħad illi una volta t-talba in dizamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-punto di partenza għandha tkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika l-prinċipju legal *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[30] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[31]

[30] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino D et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.

[31] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino,** u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi: *"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359).*** *F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (****Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998****) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda".***

Fir-rigward tas-*setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra*, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiża minn din il-Qorti izda diversamnt preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-

kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul A Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet **RM vs NM** (Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara **A sive BC vs D sive EC** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll **A Micallef vs Lesya Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

*(v)* *<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

Il-Qorti tirrileva illi l-abbli Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u dokumenti kollha miġjuba quddiemha, kif ukoll ta' dawk id-dokumenti esebiti direttament fl-atti tal-kawża. Il-Perit Legali trattat kull talba tal-attur b'mod distint u separat, fejn fir-rigward ta' xi uħud minnhom il-Qorti ma għandha xejn xi zzid u oħrajn li tixtieq tgħaddi l-osservazzjonijiet tagħha.

*<u>Rigward l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Talba tal-Attur, u ċjoe' it-Talba għall-Avukat tat-Tfal, il-Kura, il-Kustodja, u l-Aċċess, u l-Eċċezzjoni tal-Konvenuta dwar l-Insostennibilita' tat-Tieni u t-Tielet Talba tal-Attur:</u>*

Fil-kuntest ta' dawn it-tlett talbiet, il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispjegazzjoni u l-konkluzjoni tal-Perit Legali kienet korretta, konċiza u diretta, tant li ma hemm xejn ulterjuri li din il-Qorti tista' zzid. Għaldaqstant sejra tirrepplika l-konkluzjonijiet tagħha u tagħmilhom tagħha:

*"Dwar it-Talba għall-Avukat tat-Tfal*

*Fis-sena 2014 (is-sena meta l-wild E mar jgħix ma' missieru) kien għadu minuri u kellu kważi 15 -il sena. Jiġi rilevat li fil-mori tal-kawża ma saret ebda talba sabiex ilminuri jitkellem mal-Avukat tat-Tfal u għalhekk l-esponenti m'għandha għad-disposizzjoni tagħha l-ebda rapport tal-Avukat tat-Tfal li jista' jitfa' d-dawl ta' x'kienu x-xewqat tal-minuri fiż-żmien li mar jgħix ma' missieru, x'kienu r-raġunijiet li waslu għal dan u fuq kollox jekk dan l-arranġament kienx fl-aħjar interessi tal-minuri.*

*Fil-frattemp u fil-mori tal-kawża, l-wild E B laħaq sar maġġorenni. Abbażi ta' dawn il-fatti li naturalment m'hemm ebda kontestazzjoni dwarhom l-esponenti umilment tissottometti li tali talba hija ormai survolata u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Kura u Kustodja*

*Dwar din it-talba l-esponenti terġa' tirrileva li jirriżulta ċar li l-wild E B laħaq sar maġġorenni. Abbażi ta' dan il-fatt li naturalment m'hemm ebda kontestazzjoni dwaru l-esponenti umilment tissottometti li tali talba hija ormai survolata u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Aċċess*

*Dwar din it-talba l-esponenti terġa' tirrileva li jirriżulta ċar li l-wild E B laħaq sar maġġorenni. Abbażi ta' dan il-fatt li naturalment m'hemm ebda kontestazzjoni dwaru l-esponenti umilment tissottometti li tali*

*talba hija ormai survolata u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.*

*Insostenibbilita' tat-Tieni u t-Tielet Talba*

*L-esponenti umilment tirrileva li kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, it-tieni u t-tielet talbiet huma kompletament survolati peress li fil-mori tal-kawża l-wild E għalaq leta' ta' 18 -il sena u konsegwentement tali talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa. F'dan il-kuntest l-esponenti umilment tissottometti li kif ser jingħad aktar 'il quddiem, fl-umli opinjoni tagħha din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet u għalhekk m'hemmx lok li tiġi trattata l-eċċezzjoni mressqa mill-intimata dwar l-insostenibbilita' tal-istess talbiet stante li t-tnejn li huma ġew survolati u m'hemm ebda bżonn li jiġu deċiżi".*[32]

Għaldaqstant u fid-dawl tal-fatt li E B illum huwa maġġorenni, il-Qorti tastjeni milli tiddeċiedi l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba.

*Fir-rigward tal-Eċċezzjoni tal-Konvenuta tad-Duttrina Legali Pacta Sunt Servanda:*

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja li l-kwistjoni legali tal-*pacta sunt servanda* ġiet inkluza fil-liġi tagħna mill-leġizlatur sabiex l-interessi ta' kull parti involuta f'rabta kuntrattwali jiġu salvagwardjati. Madanakollu, u għalkemm it-tifsira ta' kuntratt hija waħda sempliċi u diretta, fejn wieħed jintrabat b'obbligi u/jew jingħata numru ta' drittijiet, il-kuntratti bonarji f'kaz ta' firda personali **meta jkun hemm l-ulied**, għandhom jitqiesu b'lenti differenti fejn si tratta l-applikazzjoni tad-duttrina legali tal-*pacta sunt servanda.*

Huwa magħruf illi kuntratti ta' firda personali jirregolaw kull kwistjoni naxxenti minn tali zwieġ sabiex b'hekk jiġu salvagwardjati l-interessi ta' kull parti mizzewġa. Madanakollu u wara z-zwieġ, jista' jagħti l-kaz illi familja komposta mill-mizzewġin tgħaddi sabiex tikber hekk kif il-mizzewġin stess jagħzlu li jkattru u jkabbru l-familja tagħhom permezz

[32] Fol. 424 – 425.

tal-ulied. Għaldaqstant f'kaz li jkun hemm l-ulied u l-mizzewġin jagħżlu li jinfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt, huma għandhom l-obbligu li jirregolaw mhux biss dawk il-kwistjonijiet li jolqtu lilhom nfushom direttament u l-patrimonju tagħhom, izda ukoll dawk il-kwistjoni rigwardanti l-ulied, fosthom il-kura, kustodja, aċċess u manteniment. F'dan il-kuntest, huwa obbligu tal-mizzewġin li jkunu fil-proċess li jisseparaw minn xulxin, li jeliminaw ir-rabja, id-dispjaċir u l-pika ta' bejniethom sabiex b'hekk ikunu f'pozizzjoni vera li jaslu għal qbil konġunt u ġust fiċ-ċirkostanzi bl-għan aħħari li jissalvagwardjaw l-interessi supremi ta' uliedhom.

Pero' l-Qorti hija koxxenti tal-fatt li dak li jidher ġust illum, ma hemmx il-garanzija li dan ser jibqa' jidher ġust l-għada stante li ċ-ċirkostanzi tal-bnedmin jinbidlu ta' kuljum. Għalhekk meta si tratta separazzjoni personali, senjatament dawk *ex contractu*, huwa kruċjali li ssir distinzjoni bejn dawk il-kwistjonijiet differenti li jitnisslu miz-zwieġ *per se* u dan minħabba kwalunkwe varjazzjoni li tista' tintalab f'kuntratt – liema varjazzjoni awtomatikament tpoġġi fid-dawl l-applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda*. Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ **li jolqtu biss lil mizzewġin**, u ċjoe' *inter alia*, l-manteniment, is-suċċessjoni, il-molestar, il-kapaċita' legali, il-kunjom, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, appena dawn il-kwistjonijiet jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom dawn għandhom jiġu meqjusa **finalizzati definittivament**, mingħajr il-lok li wieħed jista' jerġa' jittenta jidħol fil-mertu tagħhom quddiem il-Qorti, salv jekk jkun hemm xi qbil bejn il-partijiet nfushom. Min-naħa l-oħra u fit-tieni lok, dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda **li jolqtu ulied il-mizzewġin**, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn **ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi**, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni **jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni**.

Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa *o meno*, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego.

Huwa proprju dan li ġara fil-kaz odjern, hekk kif il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li wara s-separazzjoni tal-partijiet, iċ-ċirkostanzi nbidlu drastikament tant li E B, iben il-partijiet, ma baqgħax iħossu komdu fit-termini stretti stipulati fil-kuntratt ta' firda personali tal-ġenituri tiegħu. Il-Qorti tinsab konvinta b'dan hekk kif il-konvenuta stess tagħzel li tuza ċertu frazijiet bħal *"iddeċieda li jitlaq"* u *"ma jkellimnix ħlief meta jkollu bzonn"*, li fil-fehma tal-Qorti dawn juru li E kien imdejjaq tant li għazel li ma jibqgħax jgħix ma' ommu u jasal fl-estramita' li ma jkellimhiex. Il-Qorti tinsab moralment konvinta illi r-raġuni għaliex E B għazel li ma jibqgħax jgħix ma' ommu minn dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2014, huwa proprju minħabba n-nuqqas ta' kompatibbilita' tiegħu mal-familja l-ġdida tal-konvenuta, speċjalment ma' zewġha F G. Barra minn hekk, il-Qorti tevalwa ukoll li minkejja tali akkadut, il-konvenuta qatt ma resqet rikors sabiex binha jerġa' jmur jgħix lura magħha, zewġha u uliedha taħt saqaf wieħed bħala familja waħda. Bħala omm, il-Qorti kienet tistenna li l-konvenuta kienet tal-inqas tittenta tagħmel sforz sabiex binha jerġa' jingħaqad magħha. Ġialadarba minn dan kollu ma sar xejn u l-konvenuta ma għamlet assultament xejn wara t-tluq ta' binha mid-dar tagħha, ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex temmen li: (i) E ma kienx qiegħed iħossu aċċettat fid-dar ta' ommu u zewġha, izda aktar kien iħossu bħala piz zejjed, u (ii) il-konvenuta kienet kuntenta bis-sitwazzjoni kif seħħet u ma kellha l-ebda interess partikolari li binha E jerġa' jingħaqad magħha.

F'tali kaz, il-Qorti zgur mhux forsi ma tistgħax tara għaliex E ma kellux imur jgħix ma' missieru jekk dan kien qiegħed iħossu iktar milqugħ u parti mill-familja ta' missieru. Fil-fehma tal-Qorti l-izvolġiment fil-ħajja tal-partijiet affetwat il-ħajja u l-*benessere* ta' binhom u tali tibdil fiċ-ċirkostanzi kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni tenut kont li binhom ma kienx qiegħed iħossu komdu bil-ftehim passat tal-ġenituri tiegħu. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, **il-partijiet kellhom l-obbligu li jilħqu ftehim ġdid abbazi taċ-ċirkostanzi ġodda, b'tali manjiera li jkunu huma li jaġġustaw rwieħhom għall-aħjar interessi ta' binhom sabiex b'hekk binhom ikun jista' jkompli jikber f'ambjent sigur skont ix-xewqat tiegħu, u dan mingħajr ma jħossu li qiegħed iweġġa', jonqos jew joħloq xi kunflitt lil xi ħadd mill-ġenituri tiegħu.**

Il-Qorti hija konsapevoli li fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, klawsola 24 tistipula illi *"Dan il-ftehim jibqa' validu, viġenti u effettiv bejn il-partijiet u l-ebda kundizzjoni ma' tista' tiġi varjata f'kull eventwalita', ukoll jekk iz-zwieġ tal-partijiet jiġi dikjarat null jew xolt permezz ta' digriet jew sentenza ta' Qorti jew Tribunal kompetenti, ukoll jekk il-komparenti jiddivorzjaw legalment minn xulxin, u dana sew għar-raġunijiet ġja ezistenti kif ukoll għal xi raġuni supervenjenti".*[33] Għalkemm tali klawsola tagħmel sens f'kuntest ta' aspetti patrimonjali tal-partijiet, l-istess ma jistgħax jingħad fir-rigward tal-ulied - daqslikieku l-ulied għandhom jitqiesu bħal oġġetti bil-konsegwenza li jkollhom jibqgħu jgħixu f'kundizzjonijiet li jrendulhom iktar dannu milli ġid, sempliċiment minħabba klawsola ta' din ix-xorti. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta tali argument u dan fl-interess suprem tal-ulied, fejn dawn tal-aħħar għandhom iħossuhom liberi jesprimu l-ħsibijiet, il-ferħ u d-dwejjaq tagħhom mal-ġenituri tagħhom bit-tama li dawn jgħinuhom ikunu kuntenti. Liema huwa dak il-ġenitur li jiflaħ jara lil uliedu jsofru, filwaqt li volontarjament jagħzel li jkompli japplika klawsola bħal din jew adirittura jissolleva l-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda*, sempliċiment biex tgħaddi tiegħu u jagħmel punt anke jekk imur kontra l-interessi ta' uliedu stess? Dan ma huwiex aġir ta' *bonus pater familias*, u f'kazijiet ta' din ix-

[33] Fol. 12.

xorta l-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda* għandu jkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

Għaldaqstant, il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali f'dan il-kuntest, u tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta.

*<u>Rigward ir-Raba' u Ħames Talba u ċjoe' l-Manteniment, il-Benefiċċji Soċjali u l-Arretrati tal-istess għal E B:</u>*

Kif ġie ribadit iktar 'il fuq u kif qalet tajjeb l-Perit Legali fir-rapport tagħha, *"jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess, aktar u aktar meta llum il-ġenituri huma f'pożizzjoni t'ugwaljanza u għandhom l-istess drittijiet. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ (għalkemm illum il-ġurnata l-partijiet huma legalment separati u t-tnejn li huma reġgħu iżżewġu lil terzi), isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, pero' l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bżonnijiet tal-istess minuri, u fl-interess tal-istess minuri".*[34]

Skont il-kuntratt ta' separazzjoni ġie stipulat illi l-attur għandu jivversa lil konvenuta l-manteniment għal ibnu kull erba' (4) ġimgħat, li f'Ġunju 2014 dan il-manteniment kien ta' €198. Madanakollu hekk kif tikkonferma l-konvenuta stess fl-affidavit tagħha, appena binha mar jgħix mal-attur, dan tal-aħħar waqaf jgħaddilha l-manteniment u hi tikkonferma li ma ħallset ebda manteniment lill-attur hekk kif E ma baqax jgħix magħha, bl-iskuza li ma kellhiex finanzi minn fejn.[35] Il-Qorti, bħal Perit Legali, ma taqbilx mal-aġir u l-argument da parti l-konvenuta, u b'hekk *"mill-1 ta' Lulju 2014 l-intimata kellha l-obbligu li tibda tħallas xi forma ta' manteniment għal binha u dan irrispettivament mill-fatt jekk kienitx taħdem jew le. Jidher ċar li dan ma sarx minkejja t-trapass taż-żmien u minkejja l-fatt li kien evidenti li*

[34] Fol. 428.
[35] Fol. 345.

*l-bdil ta' residenza tal-wild E ma kienitx xi waħda temporanja. L-istess wild sar maġġorenni f'Lulju 2017 u konsegwentement, għal finijiet ta' perjodu ta' ħlas ta' arretrati ta' manteniment l-esponenti umilment tħoss li l-intimata għandha tħallas arretrati għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2014 sal-1 ta' Lulju 2017 (meta ftit tal-jiem wara E sar maġġorenni)".*[36]

Minkejja li fil-prezent E B huwa maġġorenni u għandu kwazi tnejn u għoxrin (22) sena, kif irrilevat tajjeb il-Perit Legali, mill-atti ma jirrizultax jekk fil-prezent E għadux jistudja fuq bazi *full-time* jew le sabiex jiġi determinat jekk baqax intitolat għal manteniment sal-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, jew sa meta jtemm l-istudji tiegħu, skont liema minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Fil-fatt il-Perit Legali f'dan il-kuntest tirrileva:

*"mill-atti ma jirriżultax jekk il-wild E għadux jistudja fuq bażi full-time jew le. Għalkemm l-intimata tippreżenta dokument (li ssir referenza għalih aktar 'il fuq) li juri li għandu impjieg part-time dan ma jfisser xejn għal finijiet ta' kwistjonijiet ta' manteniment għaliex dak li hu importanti u dak li jistabbilixxi jekk hemmx manteniment dovut jew le hu l-fatt jekk l-istess wild huwiex qiegħed jistudja fuq bażi full-time jew le u dan sal-eta' massima ta' 23 sena kif tikkontempla l-liġi. Stante li l-esponenti m'għandha ebda prova dwar l-istatus tal-istess imsemmi E wara li għalaq l-eta' ta' 18 -il sena, l-istess esponenti umilment tissottometti li f'każ li l-istess imsemmi E B kien u / jew għadu jistudja fuq bażi full-time għall-perjodu bejn l-eta' ta' 18 -il sena sal-eta' massima ta' 23 sena allura l-manteniment da parti tal-intimata jibqa' dovut lir-rikorrent. F'każ pero' li l-istess wild, wara li għalaq l-eta' ta' 18-il sena stabilixxa jew għad fil-futur jistabbilixxi residenza alternattiva u ma jibqax jgħix ma' missieru, allura l-manteniment mingħand l-intimata għandu jibda jitħallas direttament lill-istess wild u dan naturalment jew sakemm jieqaf jistudja fuq bażi full-time jew sakemm jagħlaq l-eta' ta' 23 sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel".*[37]

[36] Fol. 430.
[37] Fol. 431 – 432.

Minkejja li ma tirrizulta l-ebda prova dwar is-sitwazzjoni attwarja ta' E B, fis-sens jekk hux qiegħed jaħdem jew jistudja fuq bazi *full-time,* b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti xorta għandha d-dmir li taċċerta ruħha li E B jieħu dak il-manteniment li huwa bid-dritt intitolat għalih **f'kaz** li għadu jistudja fuq bazi *full-time* ġialadarba għadu ma għalaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena. Kien ikun ideali fiċ-ċirkostanzi kieku l-attur ressaq dik il-prova sabiex jiġi stabbilit x'qiegħed jagħmel E B fil-prezent sabiex b'hekk il-Qorti tkun f'pozizzjoni li mhux biss tassigura d-dritt futur għall-manteniment izda ukoll li tillikwida l-arretrati kollha sal-prezent.

Għaldaqstant, il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tiddetermina l-*quantum* tal-manteniment. Huwa minnu dak rilevat mill-Perit Legali u ċjoe' li ormai s-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-prezent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat. Fil-kaz odjern, l-konvenuta ddikjarat illi ma taħdimx, filwaqt li zewġha għandu introjtu wieħed ta' madwar €900/€1000 fix-xahar. Madanakollu, mill-atti jirrizulta ukoll li l-konvenuta għandha zewġ proprjetajiet, li jistgħu jiġu mikrija versu l-kirja mensili ta' bejn €300 u €450.[38] Tenut kont taċ-ċirkostanzi u l-fatti odjerni, l-Qorti tinsab tal-fehma li s-somma kif iddikjarata mill-Perit Legali u ċjoe' dik ta' €300 kull erba' (4) ġimgħat hija ġusta.

Fid-dawl tal-premess, il-konvenuta għandha tħallas is-somma ta' €10,800 f'arretrati ta' manteniment għal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 sal-1 ta' Lulju 2017, u ċjoe' sa meta E sar maġġorenni.[39] Madanakollu l-Qorti qiegħda tirrizerva d-dritt tal-attur illi jiġbor ukoll dawk l-arrettrati dovuti lilu mit-2 ta' Lulju 2017 'il quddiem (ċjoe' sal-mument li waqaf jistudja fuq bazi *full-time,* jew sal-prezent jekk għadu qiegħed jistudja fuq bazi *full-time*) u dan f'kaz li l-attur jipprova b'mod

[38] €300 skont ir-rapport peritali ta' Godwin Abela, filwaqt li €450 skont il-kirja vera li daħħlet l-konvenuta abbazi iz-zewġ kuntratti ezebiti minnha.
[39] €300 għal 36 xhar.

inekwivoku lil konvenuta, bil-għajnuna tal-avukati tagħhom, li fil-mument li E B għalaq tmintax-il (18) sena kien għadu jew qiegħed jistudja fuq bazi *full-time*. Jiġi kjarifikat illi kwalunkwe impjieg fuq bazi *part-time* li E B seta' kellu jew għad għandu waqt li kien jew qiegħed jistudja fuq bazi *full-time* ma għandux jizonera lil konvenuta milli tħallas l-arrettrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2017 'il quddiem jew manteniment futur.

Fir-rigward ta' benefiċċji soċjali u ġialadarba E illum huwa maġġorenni, ebda *allowance* tat-tfal ma għadu jiġi pperċepit mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Madanakollu fiz-zmien meta E telaq mid-dar ta' ommu, huwa kien għadu eleġibbli għall-*allowance* tat-tfal u b'hekk dawk il-benefiċċji soċjali dovuti mill-1 ta' Lulju 2014 sal-mument li E baqa' intitolat ai termini tal-Liġi tas-Sigurta' Soċjali (Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta), kellhom jiġu perċepiti mill-attur. Hekk kif tevalwa tajjeb il-Perit Legali fir-rapport tagħha:

*"Pero' jiġi rilevat mid-dokumentazzjoni preżentata mir-rappreżentant tal-HBSC,*
*fosthom Dok. AMB2*[40] *li l-intimata pperċepiet is-somma ta' €619.04 bħala children's allowance fit-12 ta' Ġunju 2014. F'dan il-perjodu l-wild E kien għadu qed jirrisjedi mal-istess intimata u konsegwentement l-esponenti ser tieħu tali data bħala l-aħħar pagament ta' children's allowance li kien realment dovut lilha stante li ftit tal-ġranet wara l-istess wild mar jgħix ma' missieru.*

*F'Settembru 2014 sar depositu ieħor ta' €606.84*[41] *liema ammont tħallas lill-intimata. L-istess ammont ġie depożitat ukoll f'Diċembru 2014*[42] *u Marzu 2015*[43]*. Tħallas l-ammont ta' €420.12 f'Ġunju 2015*[44]*.*

*L-esponenti tirrileva li l-ammont ta' benefiċċji soċjali li tħallset l-intimata f'Ġunju 2015 tnaqqas bl-ammont ta' €186.72 u tali ammont jirrappreżenta l-ammont imnaqqas relattiv għall-wild E li preċiżament*

40 Ara a fol 119 tal-proċess.
41 Ara a fol 121 tal-proċess.
42 Ara a fol 124 tal-proċess.
43 Ara a fol 129 tal-proċess.
44 Ara a fol 131 tal-proċess.

*f'Ġunju 2015 għalaq l-eta' ta' 16-il sena u konsegwentement l-ebda children's allowance ma kien dovut aktar. Dan allura jfisser li fil-perjodu li l-minuri E mar jgħix ma' missieru sakemm għalaq l-eta' ta' 16-il sena saru 3 pagamenti ta' children's allowance lill-intimata fl-ammont ta' €186.72 'il wieħed (dejjem għal E).*

*Abbażi tal-fatt li mhux ikkontestat mill-intimata li wara t-30 ta' Ġunju 2014 l-minuri qatt ma reġa' mar jgħix magħha (kif wara kollox tikkonferma hi stess fix-xhieda tagħha tas-7 ta' Diċembru 2016[45]) l-esponenti umilment tħoss li tali ammonti għandhom jiġu rifużi lir-rikorrent. Tliet pagamenti ta' €186.72 'il wieħed jammontaw għal €560.16".*[46]

Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li flimkien mal-arretrati tal-manteniment, l-konvenuta għandha ukoll tirrifondi lil attur is-somma ta' €560.16 rapprezentanti l-*allowance* tat-tfal ta' E B. B'hekk is-somma globali li l-konvenuta għandha tirrifondi lill-attur f'arretrati ta' manteniment u benefiċċji soċjali hija dik ta' €11,360.16 u dan għal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u l-1 ta' Lulju 2017.

*<u>Rigward is-Sitt Talba, ċjoe' l-Emendi Neċessarji fil-Klawsoli Numru Ħamsa (5), Disgħa (9) u Tmienja (8) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni:</u>*

Din it-talba qiegħda ssir sabiex il-kuntratt jiġi varjat skont it-talbiet preċedenti tal-attur kif dedotti fir-rikors ġuramentat. Għaldaqstant, il-Qorti tara illi:

(i) Fir-rigward ta' klawsola numru ħamsa (5) li titkellem dwar il-kura u kustodja ta' E B, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, u hekk kif ġie ribadit iktar 'il fuq din il-kwistjoni hija sorvolata ġialadarba E fil-prezent m'għadux minorenni. B'hekk ma hemmx lok ta' emenda f'din il-klawsola;

*(ii)* Fir-rigward ta' klawsola numru tmienja (8) jiġi evalwat li din titkellem dwar il-benefiċċji soċjali ta' E B, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi

[45] Ara a fol 36 tal-proċess.
[46] Fol. 432 – 433.

lanqas f'dan il-kuntest ma hemm lok li din il-klawsola tiġi emendata ġialadarba E B ma għadux intitolat għall-*Allowance* tat-tfal;

(iii) Fir-rigward ta' klawsola numru disgħa (9), jiġi evalwat li din titkellem dwar il-manteniment u taqra hekk: *"Ir-raġel jobbliga ruħu illi jħallas lil martu manteniment għall-istess tifel E fis-somma ta' ħamsa u tmenin liri Maltin (Lm85) kull erbgħa (4) ġimgħat għall-perjodu kollu sa kemm dan jilħaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena u dan bil-kundizzjoni li t-tifel ikun għadu jgħix mal-mara, ma jaħdimx u ma jizzewwiġx. Ir-raġel jaqbel illi dan il-manteniment għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' kull xahar"*. Kif ritenut iktar 'il fuq, il-Qorti tinsab tal-fehma li hemm lok li tali klawsola tiġi emendata sabiex b'hekk it-tibdil fiċ-ċirkostanzi jiġu riflessi fil-kuntratt ta' separazzjoni, speċjalment in vista tal-fatt li għalkemm fil-prezent E B huwa maġġorenni xorta waħda għadu ma laħaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena skont Artikolu 3B subinċiz (2)(a). Għaldaqstant il-Qorti qiegħda temenda klawsola numru disgħa (9) tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Novembru 2005 billi temenda din il-klawsola billi tiġi taqra hekk:

*"B'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-mara għandha tħallas lir-raġel is-somma ta' €300 bħala manteniment għal E B kull erbgħa (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi full-time u jkun għadu qiegħed jgħix mar-raġel, sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. F'każ li l-istess wild ikun xorta qiegħed jistudja fuq bażi full-time iżda jkun stabbilixxa residenza alternattiva għalih, allura l-mara għandha tħallas tali manteniment direttament lill-wild u dan sal-eta' massima ta' 23 sena. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnha l-mara".*

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġnijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) talba hekk kif illum E B hu maġġorenni;

2. Tilqa' ir-raba' (4) talba u tordna illi l-manteniment li tipperċepixxi l-konvenuta qiegħed jiġi sospiz u dan fid-dawl tal-bdil fiċ-ċirkostanzi; tordna ukoll lill-konvenuta u dan in vista li mill-1 ta' Lulju 2014 'il quddiem E B beda jgħix mal-attur permanentament, tħallas lill-attur is-somma ta' €10,800 f'arretrati ta' manteniment għal perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 sal-1 ta' Lulju 2017, u ċjoe' meta E sar maġġorenni, filwaqt li tirrizerva d-dritt tal-attur illi jitħallas ukoll dawk l-arrettrati dovuti lilu mit-2 ta' Lulju 2017 'il quddiem f'kaz li l-attur jipprova b'mod inekwivoku lil konvenuta, bil-għajnuna tal-avukati tagħhom, li fil-mument li E B għalaq tmintax-il (18) sena kien għadu jew qiegħed jistudja fuq bazi *full-time*. Jiġi kjarifikat illi kwalunkwe impjieg fuq bazi *part-time* li E B seta' kellu jew għad għandu waqt li kien jew qiegħed jistudja fuq bazi *full-time* ma għandux jizonera lil konvenuta milli tħallas l-arrettrati ta' manteniment mit-2 ta' Lulju 2017 'il quddiem;

3. Tilqa' l-ħames (5) talba limitatament billi tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €560.16 *f'Allowance* tat-tfal u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talba ġialadarba E B huwa maġġorenni u ma għadux iktar eleġibbli għall-*Allowance* tat-tfal;

4. Tilqa' s-sitt (6) talba limitatament għal klawsola numru disgħa (9) tal-kuntratt ta' separazzjoni li jinsab fl-Atti tan-Nutar Dr Vanessa Pool datat 25 ta' Novembru 2005, fis-sens li din tiġi taqra hekk: *"B'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-mara għandha tħallas lir-raġel is-somma ta' €300 bħala manteniment għal E B kull erbgħa (4) ġimgħat, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi full-time u jkun għadu qiegħed jgħix mar-raġel, sal-eta' massima ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. F'każ li l-istess wild ikun xorta qiegħed jistudja fuq bażi full-time iżda jkun stabbilixxa residenza alternattiva għalih, allura l-mara*

*għandha tħallas tali manteniment direttament lill-wild u dan sal-eta' massima ta' 23 sena. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnha l-mara"*; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba fir-rigward tal-emenda fi klawsola numru ħamsa (5) u tmienja (8) tal-imsemmi kuntratt;

5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' (7) talba.

Bl-ispejjez għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenuta.